# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Novembru, 2021**

**Numru 3**

**Rikors Numru 545/18 TA**

**Mandat ta' Qbid Kawtelatorju 643/18**

**Feras Kert**

**vs**

**Farouk Wakiel u Hourina Wakiel u b'digriet tal-25 ta' Ġunju 2019 l-Avukat Dr. Leontine Calleja u l-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi ġew nominati kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Wakiel Farouk u b'digriet tal-10 ta' Settembru, 2019 l-Avukat Dr. Leontine Calleja ġiet sostitwita bl-Avukat Dr. Graziella Tanti bħala kuratur deputat għall-assenti Wakiel Farouk**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Hourina Wakiel (ir-rikorrenti) tad-29 ta' Mejju 2018 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

> "Illi hija giet notifikata bil-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju bin-Numru 643/19, liema mandat sar fuq mobbli li jinsabu fi tlett hwienet u cjoe 2, Syrian Shop Palm Street, Paola, 115, Syrian Shop Triq Fra Diegu Hamrun u F Market 68, Mannarino Road, Birkirkara.

Illi hija tikkonferma bil-gurament illi l-oggetti indikati fil-mandat u cjoe il-mobbli fil-hwienet Syrian Shop 115, Triq Fra Diego Hamrun, Syrian Shop 2 Palm Street Paola u F Market 68, Mannarino Road Birkirkara ma jappartjenux lilha u lil zewgha izda lil Mohamad Kasem u lil martu Dr Mariella Said Kasem, u dan kif jirrizulta mill-iskrittura datata 12 ta' Mejju 2017, li kopja taghha qed tigi hawn annessa.

Illi jehtieg li l-mandat jigi revokat mill-aktar fis possibbli u dan minhabba kwistjoni ta' danni.

Illi assolutament mhux minnu li Feras Kert sellef xi flus lir-rikorrenti Hourina Wakiel.

Ghaldaqstant fid-dawl tal-fatti hawn esposti, ir-rikorrenti umilment titlob lil Onorabbli Qorti tirrevoka d-digriet li awtorizza l-hrug tal-mandat hawn fuq indikat."

Rat ir-risposta ta' Feras Kert (l-intimat) tal-11 ta' Ġunju 2018 li permezz tiegħu ssottometta u talabha s-segwenti:

"Illi huwa gie notifikat bir-rikors fuq imsemmi fil-5 ta' Gunju 2018.

Illi l-ewwelnett, anke a tenur tal-kontenut tar-rikors imsemmi, huwa car li r-rikorrenti m'ghandhiex interess guridiku sabiex titlob ir-revoka tal-mandat. Dan ghaliex skond hi l-proprieta` tal-oggetti milquta bil-Mandat ma jappartjenux lilha.

F'kull kaz jinghad mir-rikorrenti li a tenur ta' skrittura anness mar-rikors li l-gestjoni baqghet f'idejn il-konjugi Wakiel, u l-esponent ma talab in-nomina ta' konsenjatarju, u ghalhekk dawn l-oggetti baqghu fil-kustodja tar-rikorrenti li ma sofriet b'hekk l-ebda dannu.

Illi minghajr pregudizzju l-esponent ghandu riservi serji dwar il-genwinita` tal-iskrittura annessa mar-rikors u dan ghal ragunijiet rigwardanti l-firem li jidhru u nuqqas ta' awtenticazzjoni. Hemm biza fondat li tenut kont ic-cirkostanzi finanzjarji imwehra tar-rikorrenti u zewgha, din l-iskrittura, anke jekk talvolta genwina, saret sabiex tiddefrawdixxi lill-kredituri fosthom l-esponent.

Illi jekk ir-rikorrenti hix jew le debitrici tal-esponent huwa l-mertu tal-kawza u huwa r-raguni ghall-hrug ta' dan il-Mandat kawtelatorju.

Illi ma jissussistux l-elementi mitluba mill-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghar-revoka tal-Mandat.

Ghalhekk ir-rikors ghandu jigu michud.

Bl-ispejjez."

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati tal-20 ta' Frar 2020 nominati biex jirrapresentaw lil Wakiel Farouk li permezz tagħha ssottomettew u wieġbu s-segwenti:

"1. Illi l-avukat sottoskritt Dr. Graziella Tanti ġiet maħtura bħala kuratriċi deputata sbiex tirrappreżenta l-interessi tal-assenti Wakiel Farouk fir-rikors ta' Hourina Wakiel fl-atti tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju fuq ċitat, permezz ta' digriet tal-Onorabbli Qorti tal-għaxra ta' Settembru tal-elfejn u għoxrin (10.09.2020);

2. Illi hija ġiet notifikata bir-rikors fl-atti tal-Mandat fuq ċitat fis-seduta tal-ħdax ta' Frar tal-elfejn u għoxrin (11.02.2020) fejn l-Onorabbli Qorti kortesjalment tat żmien ta' għaxart iiem sabiex l-esponenti kuraturi deputati jippreżentaw ir-risposta tagħhom;

3. Illi l-esponenti kuraturi deputati mhumiex edotti mill-fatti tal-każ *de quo* u lanqas għandom mezz jew ħjiel ta' fejn jistgħu jikkomunikaw mal-assenti stante illi anke kif jixhed il-verbal tal-aħħar seduta su riferita Hourina Wakiel preżenti fl-awla iddikjarat li ma għandha ebda informazzjoni dwar kif tista' tagħmel kuntatt ma' Farouk Wakiel;

4. Illi fid-dawl ta' dan l-esponenti kuraturi deputati mhumiex edotti mill-fatti *de quo* u għalhekk qed jirriservaw id-dritt li jippreżentaw risposta motivata u ulterjuri flimkien ma' lista ta' xhieda u dokumenti jekk ikun il-każ, f'każ u jekk jiġu edotti mill-fatti.

Salv risposta ulterjuri.

Bl-ispejjeż."

Rat l-atti u dokumenti kollha ta' dawn il-proċeduri;

Rat li r-rikors tħalla għall-provvediment għal-lum.

## Konsiderazzjonijiet

Il-Qorti tibda biex tirrileva li r-rikorrenti ftit li xejn ħadu interess f'dawn il-proċeduri tant li qatt ma ressqu xi prova biex jissostanzjaw il-pretensjonijiet tagħhom. Huma jikkontendu li l-mobbli milquta mill-mandat ta' qbid kawtelatorju mertu ta' dawn il-proċeduri jappartjenu lil Mohamed Kasem u lil martu Dr. Mariella Said Kasem.

Tul il-proċeduri dawn it-tnejn min-nies lanqas biss tressqu biex jikkonfermaw dak li qed jallegaw ir-rikorrenti. Għalhekk baqgħu qatt ma ġabu l-prova li prinċipalment qegħdin jistrieħu fuqha.

Iżda anke li kieku xehdu l-persuni imssemmija, xorta waħda ma kien ikollhom ebda utilita' ai fini ta' dawn il-proċeduri. Dan qiegħed jingħad, għaliex il-proċeduri qegħdin isiru mhux mit-terz propjetarju, iżda mir-rikorrenti li ma għandhomx interess ġuridiku skont il-liġi. L-interess ġuridiku biex tiġi promossa tali azzjoni jappartjeni lit-terz allegat proprjetarju u mhux lid-debitur. Fil-fatt, f'każ li jiġi allegat li oġġetti elevati mhumiex tad-debitur iżda ta' terzi, il-ġurisprudenza trid illi:

(i) il-kawża issir mit-terz li qed jallega li l-oġġetti elevati huma tiegħu,

(ii) li l-kawża issir kontra l-kreditur u d-debitur, u

(iii) li l-kawża issir għar-revoka tal-esekuzzjoni tal-mandat in kwantu ġew elevati l-oġġetti tat-terzi. (**Ara Sentenza fl-ismijiet Formosa -vs- Grech, deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fit-18 ta' Mejju, 1979; Spiteri -vs- Perry, deċiża minn din il-Qorti fl-14 ta' Novembru, 1994, u Tolio -vs- Komarzynic, deċiża wkoll minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 1999**).

**Provvediment**

Għaldaqstant għar-raġunijiet imsemmija l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi r-rikors billi tiċħad it-talbiet kollha rikorrenti.

Spejjes ta' dawn il-proċeduri għar-rikorrenti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**